V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9284 — BillerudKorsnäs Venture/ALPLA Holding/ecoXpac)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 136/08)

1. Fil-5 ta' April 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— BillerudKorsnäs Venture AB ("BillerudKorsnäs Venture", l-Isvezja) ikkontrollata minn BillerudKorsnäs AB (publ);

— ALPLA Holding GmbH ("Alpla Holding", l-Awstrija), li tappartjeni għall-grupp Alpla;

— ecoXpac A/S ("ecoXpac", id-Danimarka), ikkontrollata minn BillerudKorsnäs Venture.

BillerudKorsnäs Venture AB u ALPLA Holding jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' ecoXpac.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— BillerudKorsnäs hija manifattur ta' materjali primarji tal-imballaġġ ibbażati fuq il-fibre.

— ALPLA tappartjeni lil familja u hija żviluppatur u produttur ta' soluzzjonijiet tal-imballaġġ tal-plastik.

— ecoXpac hija kumpanija ta' riċerka u żvilupp li tiżviluppa teknoloġija għal soluzzjonijiet forom tal-polpa għall-finijiet ta' imballaġġ. Bħalissa qiegħda tirriċerka soluzzjoni għal fliexken ibbażati fuq il-karta, li jkunu kapaċi jieħdu fihom il-likwidu, bħal-likwidi karbonati kif ukoll poweders, kunċett li huwa magħruf bħala l-"Flixkun Aħdar tal-Fibre".

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9284 — BillerudKorsnäs Venture/ALPLA Holding/ecoXpac

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË